

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale civile di Roma (l-Italja) fit-13 ta' April 2015 –  
X vs Presidenza del Consiglio dei Ministri**

**(Kawża C-167/15)**

(2015/C 245/03)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale civile di Roma

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent: X.*

*Konvenuta: Presidenza del Consiglio dei Ministri*

**Domandi preliminari**

- 1) Id-Direttiva 2004/80/KE <sup>(1)</sup> [Artikolu 12(2)] għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi liġi nazzjonali ta' traspożizzjoni li – sa fejn tagħmel riferiment, għall-għoti ta' kumpens taħt responsabbiltà tal-Istat, għad-dispożizzjonijiet ta' liġijiet speċjali favur il-vittma – ma tirrikonoxxi lill-vittma ta' ksur vjolenti tad-dritt komuni l-aċċess għal skema sostantiva ta' kumpens ta' tip ġenerali u tirregola biss l-aspetti proċedurali, għas-sitwazzjonijiet transkonfinali, tal-aċċess għall-imsemmija skema?
- 2) Id-Direttiva 2004/80/KE [Artikolu 12(2)] għandha tiġi interpretata fis-sens li timponi skema sostantiva ta' protezzjoni taħt responsabbiltà tal-Istat ta' tip ġenerali jew li fi kwanlunkwe każ għandha kontenut minimu u, f'dan il-każ, skont liema kriterji dan il-kontenut minimu għandu jiġi ddeterminat?

<sup>(1)</sup> Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 65

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresný súd Prešov (is-Slovakkja) fl-14 ta' April 2015 –  
Milena Tomášová vs Ministerstvo spravodlivosti SR**

**(Kawża C-168/15)**

(2015/C 245/04)

*Lingwa tal-kawża: is-Slovakk*

**Qorti tar-rinviju**

Okresný súd Prešov

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti: Milena Tomášová*

*Konvenut: Ministerstvo spravodlivosti SR*

*Pohotovosť.s.r.o.*

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Združenie na ochranu spotrebiteľa HOOS*

**Domandi preliminari**

- 1) Il-fatt li tiġi rkuprata, fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni mwettqa abbażi ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ, somma bbażata fuq klawżola inġusta b'kontradizzjoni mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jikkostitwixxi ksur serju tad-dritt tal-Unjoni?